MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' April, 2014

Numru. 175/2005

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carmelo Magri)**

**vs**

**PAUL SPAGNOL**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **PAUL SPAGNOL,** ta' 37 sena, bin Paul u Doris nee' Bezzina, imwieled fil-Pieta' fit-28 ta' Mejju, 1967 u li joqghod Flat 32, Blokk VII, Bieb D, Triq il-Ballut, San Gwann u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 224267(M) gie akkuzat talli fil-lejl ta' bejn it-18 u d-19 ta' Mejju 2004 mill-fond bl-isem 'Birds of Paradise' 124, Triq Blat il-Qamar, Siggiewi, kkommeta serq ta' flus kontanti u oggetti tad-deheb ghad-dannu ta' Joseph Xuereb mis-Siggiewi. Liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u jeccedi l-elf lira Maltin u bil-hin.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-istess Joseph Xuereb, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm10) izda ma tiskorrix-il hamsin lira Maltin (Lm50).

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

U finalment talli sar ricediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat, fedina penali, stqarrija tal-imputat, okkorrenza, zewg sentenzi u l-Proces Verbal.

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-8 ta’ Awwissu 2005 kif inseriti fl-atti a fol 47 tal-process.

Rat illi fis-seduta tal-25 ta’ Lulju, 2008 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni u cioe’ lill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Carmelo Magri, PS 585 Joseph Bayliss, Maria Xuereb, PS 964 Robert Scicluna, Ivan Portelli, Spettur Noel Cutajar, Spettur Jesmond J Borg, Joseph Xuereb, Peter Bonello, Andrew Caruana, PC 1261 Charles Pace, Spettur Simon Galea u Jean Cali.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat dwar l-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba’ (4) akkuza kif registrata waqt is-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta’ April 2014 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba’ (4) akkuza kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk ried, seta’ rega’

lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta’ April 2014.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b’digriet ta’ assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta’ April, 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemna kif preseduta illum 25 ta’ April, 2014.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti l-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba’ (4) akkuzi jirrizultaw ippruvati stante ammissjoni tal-imputat filwaqt illi t-tielet (3) akkuza hija alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza u ghalhekk mhux ser tiehu konjizzjoni taghha.

Il-Qorti qieset dak li gie verbalizzat mill-Ufficjal Prosekutur u cioe’ illi l-imputat kien korrett mieghu waqt l-investigazzjoni mizmuma minnu u li llum ghaddew tmien snin minn mindu sehh ir-reat in kwistjoni. Il-Qorti qieset pero’ illi l-imputat huwa ricediv u dam tmien snin sabiex jirregistra l-ammissjoni tieghu.

Rat ukoll illi l-ammont tas-serqa jeccedi l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin u sebgha u tletin (2,329.37) u li l-imputat hu ricediv u ghaldaqstant fic-cirkostanzi l-piena karcerarja hija l-piena idoneja.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikoli 49, 50, 280 (1), 289(1)(2), 334 u 325(c) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputat PAUL SPAGNOL hati tal-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba' (4) akkuza u tikkundannah tmintax(18)-il xahar prigunerija effettiva u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet akkuza peress illi din inghatat b'mod alternattiv ghall-ewwel akkuza.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------